MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 771/2003

**John Saliba**

**Vs**

**Mary Welborn**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm450.00c (erba’ mija u hamsin lira Maltin) rappresentanti danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu GAG 127 kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet li;

It-talbiet attrici kif kontenuti fl-Avviz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt,
L-ammont mitlub huwa eccessiv,
L-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’ l-attur, u

It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attur.

Ra l-Kontro-Talba fejn il-konvenuta talbet il-hlas ta' Lm510.00c (hames mija u ghaxar liri Maltin) in segwitu ghad-danni li soffriet fl-incident in kwistjoni.

Ra r-Risposta ghall-Kontro-Talba fejn l-attur qal li t-talbiet tal-konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-istess talba hija wahda eccessiva.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' John Saliba, tal-PS 1096 Edmund Cuschieri u l-konvenuta.

Ikkunsidra li l-attur kien ghaddej man-naha tal-bankina u li l-konvenuta li kienet fil-lane fuq in-naha tal-lemin tieghu dahlet fid-direzzjoni opposta jigifieri qasmet biex giet quddiem il-konvenuta.

Ikkunsidra li l-konvenuta ghamlet din il-manuvra billi qasmet minn fuq l-istrixxi bojod qabel is-centre strip fejn it-triq tidjieq biex issir lane wahda.

Illi din il-manuvra da parti tal-konvenuta kienet wahda negligenti peress li meta wiehed irid ibiddel il-lane jrid ikun cert li m'hemm hadd warajh.  Ara per ezempju Said Vs Muscat (Magistrati MM 29/11/1999; Elmo Vs Grech (Magistrati MM 5/7/1999); MiddleSea Vs Calleja (Magistrati MM 1/3/1999); Giglio Vs Agius (Magistrati MM 9/11/1998) Ellul Vs Bianchi (PA GCD 23/3/1998) u Busuttil Vs Grima (PA GV 24/4/1995).  Il-konvenuta kellha d-dover li thares u taccerta ruhha li ma hemm hadd fuq il-lane l-iehor qabel ma kisret lejn ix-xellug taghha.
Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-Risposta tal-konvenuta u l-Kontro-Talba tal-konvenuta ghandhom jigu michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lil attur l-ammont ta' Lm450.00c (erba' mija u hamsin lira Maltin) u l-ispejjez

legali. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (26 t'April, 2003).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------